17 ta' Mejju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* John Ripard

**Traffiku — Sewqan Perikoluż — "Overtaking".**

*Jekk il-kondizzjonijiet tat-triq, f'ċerta lokalità determinata jkunu anormali, mentri minn naħa waħda jimponu, kif indubbjament jimponu, fuq id-driver ta' car grad akbar ta' attenzjoni minħabba l-potenzjalità akbar ta' emerġenzi, min-naħa l-oħra jistgħu jagħtu lill ċerti fatti spjegazzjoni diversa minn dik li kien ikollhom f'ċirkustanzi ta' triq normali. U hekk, fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-lokalità li tkun, il-kwistjoni ta' l-"overtaking" tieħu aspett ferm speċjali; għax fiċ-ċirkustanzi jista' jkun aktar perikoluż kieku l-car ta' wara kellu joħroġ mid-direzzjoni tiegħu, jaqleb b'devjazzjoni kbira għall-lemin biex jgħaddi l-car ta' quddiemu, u mbagħad jerġa' jagħmel devjazzjoni oħra biex imur fuq ix-xellug.*

*F'ċirkustanzi simili jista' jkun aktar "safe" li l-car ta' wara jipprosegwi fid-direzzjoni tiegħu; avvolja jiġi fuq ix-xellug tal-car ta' quddiemu, u b'hekk isir l-"overtaking" minn fuq ix-xellug u mhux minn fuq il-lemin. Dan, s'intendi, jgħodd sakemm ma jkunx hemm fatturi oħra, jew ċirkustanzi jew indikazzjonijiet oħra, li jirrendu din il-manuvra perikoluża.*

*Mhux kull vjolazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku stradali tikkostitwixxi sewqan perikoluż; għax dik il-vjolazzjoni tista' tkun ġustifikata fiċ-ċirkustanzi tal-każ.*

Fuq l-imputazzjoni illi f'Porta Rjali, fit-30 ta' Jannar 1952, għal xi l-ħamsa nieqes kwart ta' wara nofs inhar, saq motor car no. 6035 b'manjera perikoluża, u fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sew-

qan, l-imsemmi John Ripard, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Marzu 1952, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tal-multa ta' £1, u ġiet sospiża l-liċenza tiegħu tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

L-imputat appella;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjoni hija ta' sewqan perikoluż; u l-Prosekuzzjoni tagħmel dan is-sewqan perikoluż jikkonsisti, kif tgħid hi, filli l-imputat bil-car tiegħu qala' barra mill-car ta' quddiemu, misjuq mill-Ispettur Scicluna, fuq ix-xellug minflok fuq il-lemin. Ma hemmx kwistjoni ta' speed żejjed; u ma ġewx lanqas allegati fatturi oħra kostitwenti l-perikolu allegat mill-Prosekuzzjoni;

Ma hemmx dubju illi, skond ir-regolament nru. 63 tar-Regolamenti tat-Traffiku, huwa dmir ta' kull min isuq vettura, meta jaqla' 'l barra ("overtakes") minn xi vettura oħra, li jagħmel hekk minn naħa tal-lemin ta' din il-vettura;

F'dan il-każ, però, hemm lok li wieħed jara jekk kienx verament il-każ ta' "overtaking", u jekk, bil-mod kif saq l-imputat, ġiex kreat sewqan perikoluż, vwoldiri perikolu għas-sikurezza tan-nies jew tal-vetturi, jew diżordni fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku;

Il-każ ġara mhux, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, f'Porta Rjali stess, imma fil-ftuħ li hemm wara li wieħed joħroġ minn Porta Rjali u jkun diġà għadda dak li dari kien id-"drawbridge" ta' Porta Rjali u jkun ħareġ fil-ftuħ li hemm bejn it-terminus tal-buses tad-ditta Gasan u r-"round about" il-kbira li hemm fejn dari kien hemm it-terminus tat-tramways, u aktar reċentement kien hemm għajn. Kull min isuq karrozza jaf kemm hu konfuż ir-regolament tat-traffiku f'dan il-pont — jekk hemm xi regolament. Min joħroġ minn Porta Rjali jsib minn naħa tax-xellug it-terminus tal-buses ta' tas-Sliema, b'char-a-bancs deħlin u ħerġin, u man-naħa tagħhom isib round-about żgħir, li ma tantx jidher li qed iservi l-iskop li seta' kellu. Man-naħa tal-lemin, imma suffiċjentement imbiegħed, hemm round-about ieħor, li, sa issa almenu, ma jidherx li qed jiġi wżat. Minn ħdejn dan ir-round-about joħorġu karrozzi (char-a-bancs) ta' linji oħra, pjuttost konfużament. Mill-ftuħ li hemm bejn dawn iż-żewġ round-abouts,

triq waħda tieħu għall-"War Memorial", l-oħra, dik prospiċjenti l-Mall, tieħu għat-terminus ta' karrozzi ta' linja oħra, li wkoll joħorġu perjodikament fil-massa tat-traffiku, u triq oħra tieħu għad-direzzjoni tal-Phoenicia Hotel. Dana kollu barra l-cars u karrozzini li jiċċirkulaw minn hawn u minn hemm. Ma hemm l-ebda dubju li regolament aktar akkurat tat-traffiku f'dan il-pont tkun miżura ferm f'lokha minn diversi punti di vista;

Issa, dawn il-kondizzjonijiet anomali ta' dan il-pont, mentri minn naħa waħda jimponu, kif indubbjament jimponu, fuq driver ta' car grad akbar ta' attenzjoni minħabba l-potenzjalità akbar ta' emerġenzi, minn naħa l-oħra jistgħu jagħtu lil ċerti fatti spjegazzjoni diversa minn dik li kien ikollhom f'ċirkustanzi ta' triq normali;

Issa, meta cars joħorġu minn Porta Rjali u jkunu għadhom fl-ispazju wasa' miftuħ bejn, approssimativament, iż-żewġ round-abouts, il-kwistjoni ta' l-"overtaking" tieħu aspett ferm speċjali fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' din il-lokalità. Infatti, il-car ta' quddiem jista' jkun sejjer jiġbed għat-triq tal-Mall jew għat-triq tal-Phoenicia, minflok għat-triq tal-War Memorial. Meta tkun għadha ma ġietx infilata waħda minn dawn it-tliet triqat, jista' jkun illi l-car ta' wara, jekk jaċċelera u jgħaddi lil dak ta' quddiemu, ikun qed jagħmel propriament mhux il-manuvra ta' l-"overtaking", imma jkun qed jipprosegwi fit-triq tiegħu jekk il-car ta' quddiem ikun, pjù o meno, għal nofs il-ftuħ, b'mod li jkun hemm spazju sewwa f'dak il-ftuħ bejn ix-xellug tal-car ta' quddiem u t-terminus tal-buses tad-ditta Gasan, u jekk il-pont li jkun fih f'dak il-waqt il-car ta' quddiem ikun tali li dan il-car għad jista' jaqbad waħda mit-triqat l-oħra, tal-Mall jew tal-Phoenicia Hotel. F'ċirkustanzi simili jista' jkun aktar perikoluż kieku l-car ta' wara kellu joħroġ għal kollox mid-direzzjoni tiegħu jaqleb b'devjazzjoni kbira ("a wide sweep") għal-lemin, biex jgħaddi l-car ta' quddiemu, u mbagħad, għall-finijiet tad-"drawing in after overtaking", jerġa' jagħmel deviazzjoni oħra biex imur fuq ix-xellug. F'ċirkustanzi simili jista' jkun aktar "safe" li l-car ta' wara jipprosegwi fid-direzzjoni tiegħu; avvolja jiġi fuq ix-xellug tal-car ta' quddiemu; s'intendi, kwante volte ma jkunx hemm fatturi jew ċir-

kustanzi, jew indikazzjonijiet oħra, li jirrendu din il-manuvra *perikoluża*;

Issa, hemm probabilità raġjonevoli illi dan il-każ kien hekk. Bejn il-car ta' l-Ispettur Scicluna u t-terminus "Gasân" kien hemm wisa' sewwa, għax il-car ta' l-Ispettur kien għadu fil-fiċċ, u, kif spjega lill-Qorti l-Ispettur, anki grafikament fuq skizz, il-car tiegħu kien għadu ma ħa ebda inklinazzjoni biex jinfila t-triq tal-War Memorial, u kien f'pont li għad seta' jaqbad waħda miż-żewġ triqat l-oħra. L-imputat, li kien dirett għat-triq tal-War Memorial, għadda l-car *ta' l-Ispettur billi pprosegwa fid-direzzjoni tiegħu*. F'dak il-pont partikulari, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, seta' jkun aktar skabruż u perikoluż kieku l-imputat kellu jagħmel devjazzjoni pjuttost markata biex imur fuq il-lemin, u mbagħad, meta jgħaddi l-car ta' l-Ispettur, jerġa' jiġbed lejn ix-xellug;

Għalhekk ma jidherx li kien każ li tiddelinea ruħha l-figura ta' l-"overtaking", u fi kwalunkwe każ ma jidherx l-anqas, li fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, kien hemm sewqan perikoluż. Mhux kull vjolazzjoni ta' regola tat-traffiku tikkostitwixxi *l-imputazzjoni ta' sewqan perikoluż*; għax, kif igħid il-Gibb, "the violation of the rule of the road may be excused by showing surrounding circumstances" (Trial of Motor Car Accident Cases, pag. 34);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li l-imputat jiġi liberat.